Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 15/2014

**Joseph Camilleri** **(appellat)**

**Vs**

**Joseph Schembri** **(appellant)**

Il-Gimgha, 29 ta' Lulju 2016.

1. L-appellant appella minn decizjoni li nghatat f'arbitragg mandatorju li kien jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fit-18 ta' Settembru 2010. L-appellant kien ix-xufier ta' trukk bin-numru BBM 552 filwaqt li l-appellat kien ix-xufier ta' taxi Toyota bin-numru ATY 029. Incident li sehh fit-18 ta' Settembru 2010 gewwa Triq it-Tigrija, Marsa.

2. Fir-rigward tar-responsabbilta ghall-incident, l-arbitru ddecieda:

*"11. Mill-provi prodotti jirrizulta li z-zewg vetturi involuti fil-kollizjoni kienu mexjin fl-istess direzzjoni u li ebda vettura ma ndunat bil-vettura l-ohra. Ir-rikorrent, anke mill-ispot of impact immarkat J fid-Dok. KZ2, jirrizulta li kien fil-karreggata ta' gewwa nett, estrem xellug, meta qed jaqbad ir-rampa li taghti ghall-bypass. Minn dak li xehed l-istess intimat, dan kien qed isuq trukk kbir fil-karreggata ta' biswit il-bus lane, cioe' biswit dik li minnha kien ghaddej ir-rikorrent. Skond ma xehed l-istess intimat: 'Biex nitla r-rampa ridt ta bilfors nikser lejn ix-xellug b'mod li nohrog minn dik il-karreggata u nidhol fil-karreggata ta' gewwa nett.*

*12. Ma hemmx dubju li din il-manuvra tal-ahhar da parti tal-intimat kienet tirrikjedi l-massima diligenza, fis-sens li kellu jassigura ruhu li seta' jaghmel dik il-manuvra minghajr ma jkun ta' ostakolu ghat-traffiku ghaddej fil-karreggata ta' gewwa, aktar u aktar in vista tal-vettura partikolari li kien qed isuq, u l-fatt li kien ser jaqsam linja li mhux suppost qasam. L-intimat kellu jieqaf u mhux jibqa' diehel fil-karreggata l-ohra. L-intimat qal li lir-rikorrent ma rah qatt qabel il-habta, u f'dan il-kuntest, bilfors ma kienx attent ghaliex ma kien hemm xejn li jostakola l-vizwali, apparti l-fatt li l-indikazzjonijiet kollha huwa li r-rikorrent kien miex biswit it-trukk, jekk mhux ftit aktar il-quddiem minnu. Dan qed jinghad fid-dawl li l-ewwel impatt tal-intimat mal-vettura tar-rikorrent kien fuq il-mudguard tal-lemin ta' wara. Dana jirrizulta mhux biss mix-xhieda tal-istess rikorrent, izda anke mir-ritratti Dok. GSM2 u GSM3.*

*13. Anke jekk it-taxi kien ghaddej b'certa' velocita, f'ebda waqt ma rrizulta li din kienet velocita eccessiva ghall-hin u lok minn fejn kien ghaddej. Apparti li kien antecedent jew biswit il-vettura tal-intimat, ir-rikorrent kien qed isuq fil-karreggata tieghu, u qatt ma seta' jipprevedi li l-intimat ser jaqsam ghal go fih. Definittivament tali velocita' ma kkontribwiet b'ebda mod ghall-incident.*

*14. Meta l-intimat kiser il-gewwa, f'post fejn hemm sinjali mal-art li mhux suppost jattraversahom, u f'post traffikuz, u f'waqt li mill-karreggata interna kien ghaddej ir-rikorrent, li kien mieghu jew jipprecedih bi ftit giet kawzata l-kollizjoni. Dan huwa evidenti mid-Dok. KZ2, li juri l-ispot of impact J pjuttost in linea ma fejn tibda c-central strip. L-istess intimat ma ndunax bir-rikorrent, lanqas mal-habta. L-intimat f'dan l-istadju laqat lir-rikorrent bin-naha*

*tax-xellug ta' quddiem tat-trukk mal-mudguard ta' wara tan-naha tal-lemin tal-vettura tar-rikorrent. Bl-impatt il-vettura tar-rikorrent daret, u jidher li mxiet 'il quddiem, u intant l-intimat baqa' jehodlu l-gemb kollu tal-lemin, u tah daqqa ohra hdejn l-isteering, u rega' dawru b'mod li gie prattikament ihares lejn il-hajt. Il-fatt li r-rikorrent gie mdawwar jinsab konfermat mill-passiggiera li kienet mieghu. F'dan il-mument l-istess intimat rega lura b'certa sahha u laqat lir-rikorrent fuq quddiem u kaxkru ghal-fuq ic-cinta tat-traffic island Dok. JS3 sa JS11, fejn il-wara tal-vettura tar-rikorrent spiccat mahbuta f'arblu, kif indikat fir-ritratti u fl-isketch.*

*15. Ghalhekk il-manuvra li ghamel l-intimat, cioe' li kiser lejn il-karreggata ta' gewwa, u li ma zammx proper look out kienet il-kawza unika tal-incident."*

3. L-appellant appella mid-decizjoni. L-aggravji huma b'riferenza ghall-apprezzament tal-provi kemm fir-rigward tar-responsabblita u l-likwidazzjoni.

4. L-appellat wiegeb li l-appell kellu jigi michud u d-decizjoni tal-Arbitru konfermata.

5. Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:

5.1 L-oneru tal-prova kien fuq l-appellat.

5.2 Il-verzjoni tal-partijiet huma totalment opposti ghal xulxin, in kwantu t-tnejn li huma xehedu li l-vettura taghhom kient fuq l-*inner lane*.

5.3 Fl-okkorrenza, il-verzjoni tal-appellant hi riprodotta hekk:

*"Kont ghaddej mit-tieni lane tan-naha tal-bus lane. Dhalt gewwa halli naqbad it-telgha direzzjoni lejn Regional Road. Kull ma smajt daqqa u ma ndunajtx li kien hemm karozza."* Min-naha l-ohra l-verzjoni tal-appellat hi: *"Kont gej mill-Marsa direzzjoni lejn il-Belt. Laqatni trukk minn wara u bqajt diehel gol hajt ghal fuq central strip. Hu kien gej minn fuq lane ta' barra ghal fuq lane ta' gewwa."*

5.4 Meta xehed, l-appellat qal:

*"Kont ser nibda tiela' r-rampa u fl-intervall li kont ser nibda tiela' 'l fuq, hu dahal fuqi fuq il-mudguard tan-naha tal-lemin ta' wara.*

*Il-karozza tieghi dahret la gembha bid-daqqa. Hadli l-gemb kollu tal-lemin. Rega' tani daqqa ohra fuq il-pilastru tal-isteering cioe' hdejn il-windscreen. B'din l-ahhar daqqa l-karozza regghet dahret u giet thares lejn il-hajt. Hu baqa' tiela' u waqaf mal-hajt, naqra inqas minn karozza 'l boghod minni.*

*Hu rriversja bis-sahha u laqatni fuq in-naha tax-xellug u kaxkarni sakemm tellghani sa fuq il-filata, cinta zghira u l-karozza tieghi ma nqalbitx ghall-isfel ghax zammha pilaster tal-hadid.*

*Wara li rega' lura u laqatni, hu baqa' sejjer 'il quddiem tul ta' tlett trukkijiet jew erbgha, sakemm wehel mal-hajt. Hu nizel u dahal fit-trukk tieghu."*

5.5 Hemm diskrepanzi bejn iz-zewg verzjonijiet, in kwantu:

5.5.1 Filwaqt li fl-okkorrenza jinghad li qal, "*.. u bqajt diehel gol-hajt….*" meta xehed quddiem l-arbitru ma qalx li mal-impatt it-Toyota habtet fil-hajt;

5.5.2 Fl-okkorrenza jinghad li qal li l-vettura tieghu spiccat "*…. Minn gol-hajt ghall-fuq central strip.*" Meta xehed quddiem l-arbitru ma semmiex li l-vettura tieghu dahlet f'*central strip*;

5.5.3 Il-verzjoni li t-trukk irriversja ghal fuq il-vettura tal-appellat, ma tissemmiex fl-okkorrenza tal-pulizja. Verzjoni li ghandha mill-inkredibbli. Il-qorti ma tistax tispjega x'setat kienet ir-raguni li wara l-habta, l-appellant irriversja ghal fuq it-Toyota. Fit-twegiba, l-appellat qal li t-trukk "*… gie b'lura ghaliex is-sewwieq kien tilef il-kontroll tat-trukk…*" Ragunament li ghall-qorti ma jaghmilx sens gialadarba t-trukk kien tiela telgha, u ghalhekk kien fuq gear. F'kull kaz jekk dik il-verzjoni hi l-verita', il-qorti kienet tistenna li l-appellat kien isemmi dawk il-fatti lill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-incident. Fatti li pero' ma jissemmewx. Fl-okkorrenza tal-pulizija hemm ukoll il-verzjoni li ta passiggier li kien riekeb fit-Toyota, u taqra hekk: "*Kont gewwa t-taxi u f'daqqa wahda hassejt il-karozza ddur. Inghid li l-vettura li kont fiha kienet ghaddejja b'velocita daqsxejn elevata.*" Ma jissemmiex li t-trukk irriversja ghal fuq it-Toyota.

Il-qorti ma taqbel xejn mal-appellat li hu kien dejjem konsistenti fil-verzjoni li ta *a tempo vergine* u meta xehed. L-inkonsistenza tirrizulta wkoll fit-twegiba ghall-appell meta nghad: "***l-ewwel impatt mat-trukk kien fuq in-naha tal-lemin <u>fuq quddiem</u> ta' din il-vettura. Din il-hsara sostanzjali fin-naha tal-lemin fuq quddiem tal-vettura ATY-029 fil-fatt tidher mir-ritratti****….*" Min-naha l-ohra l-appellat xehed li l-ewwel impatt kien fil-mudguard ta' wara tat-Toyota.

5.6 Mir-ritratti li hemm fl-atti, iktar l-isfel minn fejn spiccat it-Toyota, jidher parti mic-cint imgarraf (ara ritratti Dok. JS1). Meta tqies l-entita tal-hsara li sofrew iz-zewg vetturi[1], il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li c-cint (inkluz sinjal tat-traffiku) iggarraf b'daqqa mit-Toyota. Dan jaghti lill-qorti x'tifhem li kuntrarjament ghal dak li qal l-appellat, it-Toyota kienet qeghda tinstaq fil-karreggata ta' barra u mhux fuq il-karreggata ta' gewwa.

5.7 Jirrizulta li fl-incident it-trukk sofra wkoll hsara fl-istaffa u fil-fanal ta' quddiem tan-naha tax-xufier (ara ritratti JS5, it-tieni ritratti Dok. JS14 u wkoll il-marka li jidher li ghamel il-pulizija li hejja l-iskizz, fejn hemm imhazzez proprju fejn hemm l-istaffa fuq in-naha tax-xufier). Li kieku t-

[1] Il-vettura Toyota sofriet hsara kbira tant li mir-ritratti hu evidenti li kienet *total loss*. Min-naha l-ohra t-trukk kellu biss hsara minima. Fl-okkorrenza stess il-hsara hi deskritta bhala *slight*.

trukk kien qieghed jinstaq fil-karreggata ta' barra u t-Toyota fil-karreggata ta' mal-hajt, il-hsara fit-trukk kienet tkun fuq in-naha tal-passiggier u mhux in-naha tax-xufier. Hu veru li l-appellat xehed: *"Laqatni bil-quddiem in-naha tax-xellug"*, pero ma rrizultax li fil-gemb[2] in-naha tax-xellug fuq quddiem tat-trukk kien hemm hsara. Din hi prova ohra li timmilita kontra l-verzjoni tal-appellat li t-Toyota kienet qeghda tinstaq fl-*inner lane*.

5.8 Fit-tieni ritratt Dok. JS16 jidher il-bumper ta' quddiem tat-Toyota, taht ir-roti ta' wara tat-trukk. Jekk id-dinamika tal-incident kienet kif deskritta mill-appellat fl-okkorrenza, fis-sens li *"laqatni trukk minn wara u bqajt diehel gol-hajt....,"* fuq bazi ta' probabilita' l-bumper ta' quddiem tal-vettura Toyota ma kienx ser jinqabad taht it-trukk. Din ic-cirkostanza tindika pjuttost li l-bumper tqaccat kif sehh l-impatt bejn il-parti ta' quddiem tat-Toyota u l-parti ta' quddiem tat-trukk. Cirkostanza ohra li timmilita kontra l-verzjoni tal-appellat.

5.9 L-appellat xehed: *"Meta dahal fija **kont ghadni kif tlaqt il-bus lane.**"* Dan ma jistax ikun ghaliex l-incident sehh proprju fil-bidu tat-telgha li taghti ghal fuq Hamrun By Pass. Il-karreggata tal-karozzi tal-linja li hemm fi Triq Dicembru 13, ma tispiccax fejn sehh l-incident izda metri qabel.

5.10 Fil-fehma tal-qorti, l-Arbitru naqas milli jaghti raguni valida ghalfejn emmen il-verzjoni tal-appellat li fil-hin tal-incident it-Toyota kienet qeghda tinstaq fil-karreggata ta' mal-hajt. Hu veru li qal, *"Ir-rikorrent, anke mill-ispot of impact immarkat J fid-Dok. KZ2, jirrizulta li kien fil-karreggata ta' gewwa nett, estrem xellug, meta qed jaqbad ir-rampa li taghti ghall-bypass."* Pero' ma spjegax għalfejn. Il-qorti ma taqbilx li *spot of impact* kienet prova li tikkonferma l-verzjoni tal-appellat li kien qieghed isuq fil-karreggata ta' gewwa. Fuq bazi ta' probabilta wkoll, li kieku l-affarijiet graw kif spjega l-appellat, it-Toyota kienet tispicca m'ghaffga mal-hajt, iktar u iktar meta tqies it-tul tat-trukk.

5.11 Fattur ieħor li ma jikkonvincix il-qorti li fil-hin tal-incident it-Toyota kienet fil-kareggata ta' gewwa, hu li l-passiggier qal lill-pulizija li kienet qeghda tinstaq *"b'velocita' daqsxejn elevata"*. Il-qorti temmen li l-passiggier kien ferm konservattiv meta tqies id-danni kbar li sofriet it-Toyota, filwaqt li t-trukk kellu hsara negligibbli. L-appellat xehed li l-ewwel daqqa kienet fil-mudguard ta' wara. Skond il-verzjoni li ta l-appellat, f'parti tat-triq fejn kienet ser tibda telgha, it-trukk li jidher fir-

[2] Il-qorti tirreferi ghall-gemb ghaliex li kieku t-trukk kien qieghed jinstaq fuq il-karreggata ta' barra u ghamel manuvra biex jidhol f'dik ta' gewwa, il-hsara fit-trukk kienet tkun fil-gemb fuq quddiem in-naha tal-passiggier. Minflok irrizulta li l-hsara fit-trukk kienet fil-gemb fuq quddiem fin-naha tax-xufier.

ritratti ghamel manuvra ta' sorpass ta' taxi li l-qorti m'ghandhiex dubju li ma kinitx qeghda tinstaq b'velocita normali. L-appellat qal li t-trukk ma kienx rah, u dan ifisser li gie minn warajh. Il-qorti ssibha ferm mprobabbli li l-affarijiet graw kif irrakkonta l-appellat, meta tikkunsidra d-daqs tat-trukk, il-hsara li garrbu z-zewg vetturi, il-fatt li m'ghandhiex dubju li t-taxi kienet ghaddejja b'velocita' gholja.

5.12 Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi li l-verzjoni tal-appellat m'hijiex verosimili. Il-qorti hi tal-fehma li fuq bazi ta' probabilita' t-trukk kien qieghed jinstaq fil-karreggata ta' gewwa. Minn dak li xehed l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, jirrizulta li l-impatt sehh fuq din in-naha tat-triq li jfisser li t-trukk ma nvadiex il-karreggata minn fejn kienet ghaddejja t-Toyota.

5.13 **Konkluzjoni**: l-appellat ma tax prova li l-incident sehh tort tal-appellant u ghalhekk hemm bazi biex jintlaqa' l-appell.

**Ghaldaqstant tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tal-arbitru tat-30 ta' Mejju 2014, u tichad it-talbiet tal-appellat bl-ispejjez kontra tieghu**.

Anthony Ellul.